MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.9.2009
KUMM(2009) 477 finali

2009/0129 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), b'mod partikolari sabiex jiżguraw sfruttament tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin li jkun sostenibbli f'termini ekonomiċi, ambjentali u soċjali filwaqt li japplikaw il-prinċipju prekawzjonali u l-approċċ ekosistemiku, jestendu wkoll għal ilmijiet lil hinn mill-ilmijiet territorjali u Komunitarji. Il-Komunità Ewropea, kif ukoll il-Bulgarija, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja, huma Partijiet Kontraenti mal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran ("GFCM"), Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd stabbilita skont l-Artikolu XIV tal-Kostituzzjoni tal-FAO. Il-GFCM tista', fuq il-bażi ta' parir xjentifiku, tadotta rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet imfassla sabiex jippromwovu l-iżvilupp, il-konservazzjoni, il-ġestjoni razzjonali u l-aqwa utilizzazzjoni tal-istokkijiet tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed f'livelli li huma kkunsidrati sostenibbli u b'riskju baxx.

Peress li rakkomandazzjonijiet adottati mill-GFCM huma vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti tagħha u peress li l-Komunità hija parti kontraenti tali, ir-rakkomandazzjonijiet huma vinkolanti għall-Komunità u għalhekk għandhom ikunu trasposti fil-liġi Komunitarja, jekk il-kontenut tagħhom mhuwiex diġà kopert mill-leġiżlazzjoni Komunitarja.

Sa dan l-aħħar, rakkomandazzjonijiet adottati mill-GFCM ġew trasposti fil-Komunità fuq bażi temporanja, permezz ta' regolamenti annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd[1]. Madankollu, il-karattru permanenti ta' rakkomandazzjonijiet bħal dawn jitolbu wkoll strument legali aktar permanenti għat-traspożizzjoni tagħhom fil-liġi Komunitarja; għalhekk jidher li huwa xieraq li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikunu trasposti permezz ta' att leġiżlattiv wieħed fejn rakkomandazzjonijiet futuri jistgħu jiżdiedu permezz ta' emendi għal dak il-att. Dan se jtejjeb ukoll iċ-ċertezza legali u huwa pass importanti lejn is-simplifikazzjoni.

Il-kontenut u l-obbligi tar-rakkomandazzjonijet adottati mill-GFCM huma ħafna drabi kollha jew parzjalment koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE adottata qabel u għalhekk, għandhom jiġu trasposti biss dawk l-aspetti li ma jaqblux mal-leġiżlazzjoni tal-UE inkwistjoni, kif ukoll l-obbligi ta' rappurtar rilevanti, fejn xieraq.

Peress li r-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM japplikaw għaż-żona sħiħa ta' ftehim tal-GFCM li tkopri l-Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-ilmijiet konnessi kif imsemmi fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1998/416/KE tas-16 ta' Ġunju 1998[2], għal raġunijiet ta' ċarezza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, għandhom jiġu trasposti f'regolament separat mir-Regolament 1967/2006 li jkopri biss il-Baħar Mediterran.

Għal raġunijiet ta' awtonomija, il-GFCM tuża t-terminu "Żoni ta' Sajd Ristretti" għal miżuri spazjali ta' ġestjoni. Din it-terminoloġija hija ekwivalenti għal "Żoni ta' Sajd Protetti" kif użata fir-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi r-regolament preżenti, li jittrasponi rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (GFCM) kif adottati fis-Sessjonijiet Annwali tagħha.

---

1 R. 43/2009, R. 40/2008, 41/2007, 51/2006
2 ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34

2009/0129 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Ftehim għall-istabbiliment tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran ("GFCM"), minn issa 'l quddiem "il-Ftehim tal-GFCM", kien approvat mill-Kunsill bid-Deċiżjoni 98/416/KE[3] tas-16 ta' Ġunju 1998 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran**.**

(2) Il-Ftehim tal-GFCM jipprovdi qafas xieraq għal kooperazzjoni multilaterali sabiex jippromwovi l-iżvilupp, il-konservazzjoni, il-ġestjoni razzjonali u l-aqwa utilizzazzjoni tal-istokkijiet tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed f'livelli li huma kkunsidrati sostenibbli u b'riskju baxx ta' kollass.

(3) Il-Komunità Ewropea, kif ukoll il-Bulgarija, Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja, huma Partijiet Kontraenti mal-GFCM.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-GFCM huwa vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti. Peress li l-Komunità hija parti kontraenti mal-GFCM, dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma vinkolanti għall-Komunità u għalhekk għandhom jiġu trasposti fil-liġi Komunitarja, fejn il-kontenut tagħhom mhuwiex diġà kopert mill-leġiżlazzjoni Komunitarja.

(5) Fis-Sessjonijiet Annwali tagħha fl-2005, l-2006, l-2007 u l-2008 l-GFCM adottat għadd ta' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet għal ċertu sajd fiż-Żona tal-Ftehim tal-GFCM li ġew trasposti fil-liġi Komunitarja fuq bażi temporanja permezz ta' regolamenti annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd[4] jew fil-każ tar-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM 2005/1 u 2005/2, mill-Artikoli 4(3) u 24 tar-Regolament 1967/2006[5].

(6) Għal raġunijiet ta' ċarezza, simplifikazzjoni u ċertezza legali, u peress li l-karattru permanenti tar-rakkomandazzjonijiet jitlob ukoll strument legali permanenti għat-traspożizzjoni tagħhom fil-liġi Komunitarja, huwa xieraq li dawn ir-

---

[3] ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34.

[4] R. 43/2009, l-Artikoli 28-31 R. 40/2008 l-Artikoli 29-31, 41/2007, l-Artikoli 26-27 51/2006, l-Anness III

[5] ĠU L 39, 8.2.2007, p. 6

rakkomandazzjonijiet jiġu trasposti permezz ta' att leġiżlattiv wieħed fejn rakkomandazzjonijiet futuri jistgħu jiżdiedu permezz ta' emendi għal dak l-att.

(7) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM japplikaw għaż-żona sħiħa ta' ftehim tal-GFCM, b'mod partikolari l-Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-ilmijiet konnessi, kif imsemmi fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1998/416/KE tas-16 ta' Ġunju 1998[6] u għalhekk għal raġunijiet ta' ċarezza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, għandhom jiġu trasposti f'regolament separat aktar milli permezz ta’ emendi għar-Regolament 1967/2006 li jkopri biss il-Baħar Mediterran.

(8) Ċerti dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 għandhom japplikaw mhux biss fil-Baħar Mediterran imma fiż-żona sħiħa tal-GFCM. Għalhekk dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jitħassru mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(9) Iż-‘Żoni tas-Sajd Ristretti’ stabbiliti mir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM għal miżuri spazjali ta' ġestjoni huma effettivament ekwivalenti għaż-‘Żoni tas-Sajd Protetti’ kif użati fir-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(10) Fis-Sessjoni Annwali tagħha mit-23 sas-27 ta' Marzu 2009, il-GFCM adottat rakkomandazzjoni dwar l-istabbiliment ta' Żona tas-Sajd Ristretta fil-Golf tal-Iljuni, fuq il-bażi tal-parir xjentifiku tal-Kumitati Xjentifiku Konsultattiv (SAC), kif misjub fir-rapport tal-11-il sessjoni tiegħu (rapport tal-FAO nru 890). Huwa xieraq li din il-miżura tiġi implimentata permezz ta' sistema tal-ġestjoni tal-isforzi.

(11) Is-selettività ta' ċerti tipi ta’ rkaptu tas-sajd ma tistax tilħaq aktar minn ċertu livell fis-sajd imħallat tal-Mediterran u dak, flimkien mal-kontroll u l-limitazzjoni tal-isforz tas-sajd, huwa fundamentali biex ikun limitat l-isforz tas-sajd f'żoni fejn l-adulti ta' stokkijiet importanti jiltaqgħu sabiex ikollhom riskju baxx ta' tfixkil fir-riproduzzjoni, u għalhekk jippermetti l-isfruttament sostenibbli tagħhom. Għalhekk ta' min wieħed jirrikkmanda li l-ewwel ikun limitat l-isforz tas-sajd magħmul fiż-żona eżaminata mis-SAC għal livelli preċedenti u ma tkun permessa l-ebda żieda għal dak il-livell.

(12) Il-parir li fuqu huma bbażati l-miżuri ta' ġestjoni għandu jiddependi fuq l-użu xjentifiku ta' dejta rilevanti dwar il-kapaċità u l-attività tal-flotta, dwar l-istatus bijoloġiku ta' riżorsi sfruttati u dwar is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tas-sajd; din id-dejta għandha tinġabar u tiġi ppreżentata fil-ħin sabiex il-korpi sussidjarji tal-GFCM jippreparaw il-parir tagħhom.

(13) Fis-Sessjoni Annwali tal-2008, il-GFCM adottat rakkomandazzjoni dwar skema reġjonali ta' miżuri tal-Istat tal-Port biex jiġġieldu s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU) fiż-Żona tal-GFCM. Filwaqt li r-regolament tal-Komunità dwar is-sajd IUU[7] jkopri b'mod ġenerali l-kontenut ta' din ir-rakkomandazzjoni u se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, madankollu hemm xi aspetti bħall-frekwenza, il-kopertura u l-proċedura għall-ispezzjonijiet fil-port li għandhom bżonn ikunu msemmija f'dan ir-Regolament sabiex il-miżura tkun adattata għall-ispeċifikazzjonijiet taż-żona tal-GFCM.

(14) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-

---

6 ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008, ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1;

Kummissjoni[8]. Sabiex ikun żgurat li miżuri addizzjonali adottati mill-GFCM li jsiru obbligatorji għall-Komunità jkunu jistgħu jiġu implimentati fil-qafas ta' żmien stipulat mill-Ftehim tal-GFCM, jistgħu jiġu adottati emendi biex jittrasponu rakkomandazzjonijiet dwar il-konservazzjoni u l-kontroll jew l-infurzar permezz tal-istess proċedura.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli għall-applikazzjoni mill-Komunità tal-miżuri ta' konservazzjoni, ġestjoni, sfruttament, monitoraġġ, kummerċjalizzazzjoni u infurzar għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kif stabbilit mill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (minn issa 'l quddiem GFCM).

*Artikolu 2*

**Ambitu**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd u l-akkwakultura kummerċjali tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità u taċ-ċittadini tal-Istati Membri fiż-Żona ta' Ftehim tal-GFCM.

Għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa biss għal skopijiet ta' investigazzjonijiet xjentifiċi u li jsiru bil-permess u taħt l-awtorità tal-Istat Membru li l-bastiment itajjar il-bandiera tiegħu u li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu infurmati bil-quddiem li fl-ilmijiet tagħhom tkun qed titwettaq ir-riċerka. L-Istati Membri li jwettqu operazzjonijiet tas-sajd għall-finijiet ta' investigazzjonijiet xjentifiċi għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri li fl-ilmijiet tagħhom tkun qed titwettaq ir-riċerka, u l-STECF dwar il-qabdiet kollha minn operazzjonijiet tas-sajd bħal dawn.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin flimkien mad-definizzjonijiet stipulati mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002[9] u mill-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006:

(a) "Żona ta' Ftehim tal-GFCM" tfisser il-Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-ilmijiet li jgħaqqduhom, kif imsemmija fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/416/KE tas-16 ta' Ġunju 1998 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran.

---

[8] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23

[9] ĠU L 358 tal-31.12.2002, p. 59

(b) "Sforz tas-sajd" tfisser il-prodott tal-kapaċità tal-bastiment tas-sajd, kemm f'kW kif ukoll f'TG, u l-jiem fuq il-baħar

(c) "jum fuq il-baħar" tfisser kwalunkwe jum tal-kalendarju li l-bastiment huwa assenti mill-port, irrispettivament mill-ammont ta' ħin fil-jum li l-bastiment huwa prezenti f'żona;"

# TITOLU II
# MIŻURI TEKNIĊI

## Kapitolu I
## Żoni ta' Sajd Ristretti

### TAQSIMA I
### ŻONA TA' SAJD RISTRETTA FIL-GOLF TAL-ILJUNI

*Artikolu 4*

**Stabbiliment ta' żona ta' sajd ristretta**

Żona ta' sajd ristretta hija stabbilita fil-Lvant tal-Golf tal-Iljuni, konfinata permezz ta' linji li jgħaqdu l-koordinati ġeografiċi li ġejjin:

– 42°40'N, 4°20' E;
– 42°40'N, 5°00' E;
– 43°00'N, 4°20' E;
– 43°00'N, 5°00' E;

*Artikolu 5*

**Sforz tas-sajd**

L-isforz tas-sajd għall-istokkijiet demersali tal-bastimenti li jużaw xbieki rmunkati, konzijiet tal-qiegħ u ta' nofs il-baħar u xbieki tal-qiegħ fiż-żona ta' sajd ristretta msemmija fl-Artikolu 4 ma għandux ikun aktar mil-livell tal-isforz tas-sajd applikat fl-2008 minn kull Stat Membru f'dik iż-żona.

*Artikolu 6*

**Sajd passat**

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni f'format elettroniku, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2009, lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li matul l-2008 kienu jistadu fiż-żona msemmija fl-Artikolu 4 u fis-subżona Ġeografika 7 tal-GFCM kif imsemmija fl-Anness I. Il-lista għandu jkollha l-isem tal-bastiment, in-numru ta' Reġistrazzjoni tal-Flotta tal-Komunità[10], il-perjodu li matulu l-bastiment kien awtorizzat jistad fiż-żona msemmija fl-Artikolu 4 u l-għadd ta' jiem li kull bastiment għamel fis-subżona Ġeografika 7 fis-sena 2008 u aktar speċifikament fiż-żona msemmija fl-Artikolu 4.

[10] kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità.

*Artikolu 7*
**Bastimenti awtorizzati**

1. Il-bastimenti awtorizzati biex jistadu fiż-żona msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jingħataw Permess Speċjali tas-Sajd mill-Istat Membru tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1627/94[11].

2. Il-bastimenti tas-sajd li fil-passat ma stadux fiż-żona msemmija fl-Artikolu 4 qabel il-31 ta' Diċembru 2008 ma għandhomx ikunu awtorizzati biex jistadu hemmhekk.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2009, il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2008 dwar

   (a) il-ħin massimu ta' attività ta' sajd kuljum permess lil kull bastiment,

   (b) l-għadd massimu ta' jiem fil-ġimgħa li bastiment jista' joqgħod fuq il-baħar u jkun assenti mill-port u

   (c) l-iskedar obbligatorju ta' ħruġ u ritorn lejn il-port reġistrat tal-bastimenti tas-sajd tagħhom.

*Artikolu 8*
**Ħarsien ta' ħabitats sensittivi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żona msemmija fl-Artikolu 4 hija protetta mill-impatti ta' kwalunkwe attività tal-bniedem oħra li tipperikola l-konservazzjoni tal-karatteristiċi partikolari ta' dik iż-żona bħala żona fejn jinġabar il-ħut li jista' jirriproduċi.

*Artikolu 9*
**Informazzjoni**

Qabel il-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport f'format elettroniku dwar l-attivitajiet tas-sajd imwettqa fiż-żona msemmija fl-Artikolu 4.

## TAQSIMA II

## ŻONI TA' SAJD RISTRETTI SABIEX JIĠU MĦARSA ĦABITATS SENSITTIVI TAL-BAĦAR FOND

*Artikolu 10*
**Stabbiliment ta' żoni ta' sajd ristretti**

Is-sajd bil-gangmu rmunkat u bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandu jkun ipprojbit fiż-żoni li ġejjin:

(a) Iż-żona tal-baħar fond ristretta għas-sajd "Lophelia reef off Capo Santa Maria di Leuca" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

   – 39° 27.72' N, 18° 10.74' E
   – 39° 27.80' N, 18° 26.68' E
   – 39° 11.16' N, 18° 32.58' E
   – 39° 11.16' N, 18° 04.28' E;

---

[11] ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7-13

(b) Iż-żona tal-baħar fond ristretta għas-sajd "The Nile delta area cold hydrocarbon seeps" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

– 31° 30.00' N, 33° 10.00' E
– 31° 30.00' N, 34° 00.00' E
– 32° 00.00' N, 34° 00.00' E
– 32° 00.00' N, 33° 10.00' E;

(c) Iż-żona tal-baħar fond ristretta għas-sajd "The Eratosthemes Seamount" konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

– 33° 00.00' N, 32° 00.00' E
– 33° 00.00' N, 33° 00.00' E
– 34° 00.00' N, 33° 00.00' E
– 34° 00.00' N, 32° 00.00' E.

*Artikolu 11*

**Ħarsien ta' ħabitats sensittivi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ħarsien tal-ħabitats sensittivi tal-baħar fond fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 10 u b'mod partikolari għandhom jiżguraw li dawk iż-żoni huma mħarsa mill-impatti ta' kwalunkwe attività oħra ta' sajd li thedded il-konservazzjoni tal-karatteristiċi partikolari ta' dawk il-ħabitats speċifiċi.

## KAPITOLU II

## L-ISTABBILIMENT TA' STAĠUN MAGĦLUQ GĦAS-SAJD TAL-LAMPUKI PERMEZZ TA' TAGĦMIR BIEX JINĠEMA' L-ĦUT (FADS)

*Artikolu 12*

**Staġun magħluq**

1. Is-sajd għal-lampuki (*Coryphaena hippurus*) permezz ta' tagħmir biex jinġema' l-ħut (FADs) għandu jkun ipprojbit mill-1 ta' Jannar sal-14 ta' Awwissu ta' kull sena.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, jekk Stat Membru jista' juri li minħabba kundizzjonijiet ta' maltemp, il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu ma setgħux jutilizzaw il-jiem normali tas-sajd tagħhom dak l-Istat Membru jista' jgħaddi jiem mitlufa mill-bastimenti tiegħu fis-sajd bil-FAD sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara. F'dak il-każ, qabel għeluq is-sena l-Istat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni applikazzjoni għall-għadd ta' jiem li jixtieq jgħaddi għas-sena ta' wara.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw ukoll fiż-żona ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006[12].

4. L-applikazzjoni li tissemma fil-paragrafu 2 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

   (a) rapport bid-dettalji tal-waqfien mill-attivitajiet tas-sajd rilevanti, inkluża informazzjoni meterjoloġika xierqa bħala evidenza;

   (b) l-isem tal-bastiment u n-numru ta' Reġistrazzjoni tal-Flotta tal-Komunità.

[12] ĠU L 36, 8.2.2007, p.6-30

5. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fi żmien 6 ġimgħat mid-data li fiha tirċievi l-applikazzjoni u tinforma l-Istat Membru bil-miktub.

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM dwar id-deċiżjonijiet meħuda skont il-paragrafu 5. Qabel l-1 ta' Novembru ta' kull sena l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport dwar il-jiem mitlufa fis-sena ta' qabel, li jixtiequ jgħaddu għas-sena ta' wara skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 13*

**Permess speċjali tas-sajd**

Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati jipparteċipaw fis-sajd tal-lampuki għandhom jingħataw permess speċjali tas-sajd skont ir-Regolament (KE) Nru 1627/94 u għandhom ikunu inklużi f'lista li jkollha l-isem tal-bastiment u n-numru ta' Reġistrazzjoni tal-Flotta tal-Komunità, li għandu jingħata lill-Kummissjoni mill-Istat Membru konċernat. Irrispettivament mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1627/94, il-bastimenti b'anqas minn 10 metri tul totali għandu jkollhom permess speċjali tas-sajd.

Dan ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għaż-żona ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu (26)1 tar-Regolament 1967/2006.

*Artikolu 14*

**Ġbir tad-dejta**

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008[13] l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema xierqa ta' ġbir u trattament ta' dejta tal-qbid u l-isforz tas-sajd.

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Jannar ta' kull sena, l-għadd ta' bastimenti involuti fis-sajd, it-total tal-qabdiet li jinħattu l-art u ta' trażbordi ta' lampuki mwettqa fis-sena preċedenti mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom f'kull subżona ġeografika taż-żona ta' Ftehim GFCM kif determinat fl-Anness I.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM."

## KAPITOLU III

## IRKAPTU TAS-SAJD

*Artikolu 15*

**Daqs minimu tal-malji fil-Baħar Mediterran**

1. Ix-xbieki bil-malji djamant użati fil-baħar Mediterran skont il-punt 2 tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 għal attivitajiet ta' tkarkir li jisfruttaw l-istokkijiet demersali għandu jkollhom selettività ta' daqs rikonoxxut ekwivalenti għal jew ogħla minn dak tax-xbieki bil-malji kwadri ta' 40 mm fil-manka.

2. B'deroga mill-Artikolu 8(1)(h) u mill-punt (2) tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, sal-31 ta' Mejju 2010 l-Istati Membri jistgħu jkomplu jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom biex jużaw malji tal-manka li

[13] ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

jkunu iżgħar minn 40 mm djamant f'ċertu sajd lokali u demersali staġjonali li jisfrutta stokkijiet li ma jkunux maqsumin b'mod komuni ma' pajjiżi terzi.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika biss għal attivitajiet tas-sajd li huma formalment awtorizzati mill-Istati Membri skont il-liġi nazzjonali fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 u ma għandhom jinvolvu l-ebda żieda fl-isforz tas-sajd fir-rigward tas-sena 2006.

4. L-Istati Membri, qabel il-15 ta' Jannar 2010, għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, u permezz tal-kanali normali għall-ipproċessar tad-dejta, il-lista tal-bastimenti awtorizzati skont il-paragrafu 2, bl-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-bastiment u n-numru ta' Reġistrazzjoni tal-Flotta tal-Komunità;

(b) is-sajd awtorizzat li jsir minn kull wieħed mill-bastimenti definit f'termini ta' stokk(ijiet) fil-mira, iż-żona tas-sajd kif determinata fl-Anness I u l-karatteristiċi tekniċi tad-daqs tal-malja tal-irkaptu tas-sajd kalat;

(c) il-perjodu tas-sajd awtorizzat.

5. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM.

*Artikolu 16*

**Daqs minimu tal-malji fil-Baħar l-Iswed**

1. Id-daqs minimu tal-malja għax-xbieki użati għal attivitajiet tat-tkarkir li jisfruttaw l-istokkijiet demersali fil-Baħar l-Iswed għandu jkun ta' 40 mm; pannelli ta' xbieki b'malji iżgħar minn 40 mm ma għandhomx ikunu użati jew miżmuma abbord.

2. Sal-31 ta' Jannar 2012, ix-xibka msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinbidel minn xibka b'malja kwadra tal-manka ta' 40 mm jew, fuq talba ġustifikata kif suppost ta' sid il-bastiment, għal xibka b'malja djamant ta' 50 mm li għandu jkollha selettività ta' daqs rikonoxxut ekwivalenti għal jew ogħla minn dak tax-xbieki b'malja kwadra tal-manka ta' 40 mm.

3. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom ikunu involuti f'attivitajiet tat-tkarkir li jisfrutta l-istokkijiet demersali fil-Baħar l-Iswed għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, għall-ewwel darba sal-1 ta' Ottubru 2009 u sussegwentement kull 6 xhur, il-lista ta' bastimenti tas-sajd, u l-perċentwali mill-flotta kollha nazzjonali demersali tat-tkarkir b'xibka bil-malja kwadra tal-manka ta' 40 mm jew aktar jew xbieki bil-malja djamant ta' mill-anqas 50 mm.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM.

*Artikolu 17*

**Użu ta' gangmu rmunkat u sajd bix-xbieki tat-tkarkir**

L-użu ta' gangmu rmunkat u xbieki tat-tkarkir f'fond ta' aktar minn 1000m għandu jkun ipprojbit.

# TITOLU III
# MIŻURI TA' KONTROLL

## KAPITOLU I
## REĠISTRU TAL-BASTIMENTI

### *Artikolu 18*
### Reġistru ta' bastimenti awtorizzati

1. Qabel l-1 ta' Diċembru 2009 kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, permezz tal-kanali normali għall-ipproċessar tad-dejta, lista aġġornata tal-bastimenti ta' aktar minn 15-il metru tul totali li jtajru l-bandiera tiegħu u li huma rreġistrati fit-territorju tiegħu li huma awtorizzati minnu li jistadu fiż-żona tal-GFCM bil-ħruġ ta' permess tas-sajd.

2. Il-lista indikata fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

   (a) in-numru tal-bastiment fir-reġistru tal-flotta tal-Komunità (CFR), u l-marki esterni kif definiti fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 26/2004 [14];

   (b) il-perjodu li għalih huwa awtorizzat għas-sajd u/jew trażbord,

   (c) l-irkaptu tas-sajd użat.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lista aġġornata lis-Segretarjat Eżekuttiv tal-GFCM qabel l-1 ta' Jannar 2010 biex dawn il-bastimenti jkunu jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru tal-GFCM ta' bastimenti ta' aktar minn 15-il metru tul totali awtorizzati biex jistadu fiż-żona tal-Ftehim GFCM (minn issa 'l quddiem 'Reġistru tal-GFCM').

4. Kull bidla li tkun se ssir fil-lista indikata fil-paragrafu 1. għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni għat-trażmissjoni lis-Segretarjat Eżekuttiv tal-GFCM, u l-istess proċedura tapplika, minn tal-anqas 10 ijiem tax-xogħol qabel ma l-bastiment jibda l-attività tas-sajd fiż-żona tal-GFCM.

5. Il-bastimenti tas-sajd tal-Komunità b'tul totali ta' aktar minn 15-il metru, li ma jkunux imdaħħla fil-lista indikata fil-paragrafu 1 ma għandhomx jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art kwalunkwe tip ta' ħut jew frott tal-baħar fiż-żona tal-GFCM.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li:

   (a) jkunu biss il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li huma inklużi fil-lista indikata fil-paragrafu 1 u li jkollhom abbord permess tas-sajd maħruġ minnhom li jkunu awtorizzati, skont it-termini tal-permess, li jwettqu attivitajiet ta' sajd fiż-żona tal-GFCM;

   (b) l-ebda permess tas-sajd ma għandu jinħareġ lil bastimenti li jkunu wettqu sajd illegali, mhux irregolat u mhux irrapportat (sajd IUU) fiż-żona tal-GFCM jew band'oħra, sakemm is-sidien il-ġodda ma jipprovdux evidenza dokumentarja adegwata li s-sidien u l-operaturi preċedenti ma għad għandhom l-ebda interess legali, benefiċjarju jew finanzjarju fi, u ma jeżerċitaw l-ebda kontroll fuq, il-

[14] ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25

bastimenti tagħhom, u li l-bastimenti tagħhom la jieħdu sehem u lanqas ma huma assoċjati ma’ sajd IUU;

(c) safejn huwa possibbli, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tipprojbixxi lis-sidien u l-operaturi tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li huma inklużi fil-lista indikata fil-paragrafu 1 milli jieħdu sehem jew ikunu assoċjati ma’ attivitajiet ta’ sajd fiż-żona tal-Ftehim GFCM minn bastimenti li mhumiex fir-reġistru tal-GFCM;

(d) safejn huwa possibbli, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun teħtieġ li s-sidien tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li huma inklużi fil-lista indikata fil-paragrafu 1 ikunu ta’ nazzjonalità jew entitajiet legali tal-Istat Membru tal-bandiera;

(e) il-bastimenti tagħhom jikkonformaw mal-miżuri kollha rilevanti tal-GFCM dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprojbixxu s-sajd, iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta’ ħut u frott tal-baħar maqbuda fiż-żona tal-GFCM minn bastimenti ta’ aktar minn 15-il metru tul totali li mhumiex fir-Reġistru tal-GFCM.

8. L-Istati Membri għandhom mingħajr dewmien jgħaddu lill-Kummissjoni kull informazzjoni li turi li jkun hemm raġunijiet sodi ta’ suspett li xi bastimenti ta’ aktar minn 15-il metru tul totali li mhumiex fir-reġistru tal-GFCM ikunu qed jistadu jew jittrażbordaw ħut u frott tal-baħar fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM.

# KAPITOLU II
# MIŻURI TAL-ISTAT TAL-PORT

*Artikolu 19*

**Ambitu**

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi.

*Artikolu 20*

**Notifika minn qabel**

B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 [u l-Artikolu 1 tar-Regolament KE Nru XX/XXXX [ir-Regolament ta' implimentazzjoni rigward l-IUU]] il-perjodu għal notifika minn qabel għandu jkun ta' mill-anqas 72 siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port.

*Artikolu 21*

**Spezzjonijiet fil-Port**

1. Irrispettivament mill-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 l-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet fil-portijiet deżinjati tagħhom ta' mill-anqas 15 % tal-operazzjonijiet tal-ħatt l-art u tat-trażbord kull sena.

2. Irrispettivament mill-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, il-bastimenti tas-sajd li jidħlu f'port ta' Stat Membru mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel għandhom ikunu spezzjonati fil-każijiet kollha.

*Artikolu 22*

**Proċedura ta' spezzjoni**

Flimkien mar-rekwiżiti provduti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 l-ispezzjonijiet fil-port għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II.

*Artikolu 23*

**Ċħid mill-użu tal-port**

1. L-Istati Membri ma għandhomx jippermettu li bastiment ta' pajjiż terz juża l-portijiet tagħhom għall-ħatt tal-ħut, it-trażbord jew l-ipproċessar ta' prodotti tal-ħut li nqabad fiż-żona tal-GFCM u għandhom jiċħdu l-aċċess għas-servizzi tal-port, inkluż, *inter alia*, servizzi ta' forniment ta' karburant jew ta' provvisti, bl-eċċezzjoni ta' każijiet ta' *force majeure* jew ta' periklu skont it-tifsira fl-Artikolu 18 tal-UNCLOS għas-servizzi strettament meħtieġa biex jirrimedjaw dawk is-sitwazzjonijiet, jekk:
   (a) il-bastiment ma jtajjarx il-bandiera ta' Parti Kontraenti tal-GFCM; jew
   (b) il-bastiment ikun inkluż minn organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd f'lista ta' bastimenti li kienu involuti fi, inkella li appoġġaw, sajd IUU; jew
   (c) il-bastiment ma jkollux awtorizzazzjoni valida sabiex jinvolvi ruħu fis-sajd jew f'attivitajiet relatati mas-sajd fiż-żona tal-GFCM.
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika flimkien mad-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċħid tal-użu tal-port pprovduti mill-Artikoli 4(2) u 37(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.
3. Fejn Stat Membru iċaħħad l-użu tal-portijiet tiegħu skont il-paragrafi 1 u 2, għandu jinnotifika mill-ewwel lill-kaptan tal-bastiment, lill-Istat li tiegħu itajjar il-bandiera, lill-Kummissjoni u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM b'azzjoni bħal din.
4. Meta r-raġunijiet għaċ-ċħid imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ma jibqgħux japplikaw, l-Istat Membru għandu jirtira ċ-ċħid u jgħarraf b'dan lill-persuni nnotifikati skont il-paragrafu 3."

# TITOLU IV
# KOOPERAZZJONI, INFORMAZZJONI U RAPPURTAR

*Artikolu 24*

**Koperazzjoni u informazzjoni**

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw u jaqsmu l-informazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM, b'mod partikolari billi:
   (a) jitolbu informazzjoni minn u jipprovdu informazzjoni lid-databases rilevanti;
   (b) jitolbu u jipprovdu kooperazzjoni biex jippromwovu l-implimentazzjoni effikaċi ta' dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi nazzjonali tagħhom għall-informazzjoni marbuta mas-sajd jippermettu l-iskambju elettroniku dirett tal-informazzjoni dwar l-ispezzjonijiet mill-Istat tal-port kif jissemmew fit-Titolu III, bejniethom u s-Segretarjat tal-GFCM, billi jqisu kif xieraq ir-rekwiżiti rilevanti ta' kunfidenzjalità.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jaqsmu mal-aġenziji nazzjonali rilevanti l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi u biex jikkoordinaw l-attivitajiet ta' aġenziji bħal dawn fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' din it-Taqsima.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' punti ta' kuntatt għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, li għandhom jiġu trażmessi elettronikament, mingħajr dewmien, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM u lill-Partijiet Kontraenti tal-GFCM.

*Artikolu 25*

**Rappurtar ta' matriċi tal-istatistika**

7. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw qabel l-1 ta' Mejju ta' kull sena lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM id-dejta tal-Kompitu 1.1, 1.2, 1.3, 1.4 u 1.5 tal-matriċi tal-istatistika tal-GFCM kif stipulat fl-Anness III.

8. L-ewwel preżentazzjoni tad-dejta tal-Kompitu 1.1, 1.2 u 1.4 għandha ssir qabel l-1 ta' Frar 2010.

9. L-ewwel preżentazzjoni tad-dejta tal-Kompitu 1.3 u 1.5 għandha ssir qabel l-1 ta' Frar 2011.

10. Għall-preżentazzjoni tad-dejta msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema tad-dħul tad-dejta tal-GFCM jew kwalunkwe standard jew protokoll ieħor xieraq ta' preżentazzjoni tad-dejta mis-Segretarjat tal-GFCM u disponibbli fis-sit tal-internet li ġej: http://www.gfcm.org/gfcm/topic/16164.

11. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar id-dejta ppreżentata abbażi ta' dan l-Artikolu.

# TITOLU V
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 26*

**Implimentazzjoni**

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(2).

*Artikolu 27*

**Kumitat għas-sajd u l-akkwakultura**

12. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn Kumitat għall-Ġestjoni tas-Sajd u l-Akkwakultura.

13. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar wieħed.

14. Dan il-Kumitat nnifsu għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

*Artikolu 28*

**Proċeduri għall-emendi**

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu emendati skont il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 27(2) sabiex ir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM dwar il-konservazzjoni jew il-kontroll, jew l-adattamenti tekniċi għal rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-GFCM, li jsiru obbligatorji għall-Komunità, jiġu trasposti fil-liġi Komunitarja.

L-Annessi jistgħu jiġu emendati sabiex ir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM jiġu trasposti skont l-istess proċedura.

*Artikolu 29*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006**

Ir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3 għandu jitħassar;

(b) l-Artikolu 24 għandu jitħassar;

(c) fl-Artikolu 27, il-paragrafi 1 u 4 għandhom jitħassru.

*Artikolu 30*

**Emendi għar-Regolament Nru 43/2009**

Fir-Regolament (KE) Nru 43/2009, l-Artikoli 28 sa 31 u l-Annessi VII u VIII għandhom jitħassru.

*Artikolu 31*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS I

### A) Mappa ta' Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM (GSAs)

| SUBŻONA FAO | TAQSIMIET STATISTIĊI TAL-FAO | | GSAs | |
|---|---|---|---|---|
| **TAL-PUNENT** | **1.1** | IL-BALEARIĊI | **1** | It-Tramuntana tal-Baħar Alboran- |
| | | | **2** | Il-Gżira Alboran |
| | | | **3** | In-Nofsinhar tal-Baħar Alboran |
| | | | **4** | L-Alġerija |
| | | | **5** | Il-Gżejjer Baleariċi |
| | | | **6** | It-Tramuntana ta' Spanja |
| | | | **11.1** | Sardinja (il-Punent) |
| | **1.2** | Il-GOLF TAL-ILJUNI | **7** | Il-Golf tal-Iljuni |
| | **1.3** | SARDINJA | **8** | Il-Gżira ta' Korsika |
| | | | **9** | Il-Baħar Ligurjan u t-Tramuntana tal-Baħar Tirrenjan |
| | | | **10** | In-Nofsinhar tal-Baħar Tirrenjan |
| | | | **11.2** | Sardinja (il-Lvant) |
| | | | **12** | It-Tramuntana tat-Tuneżija |
| **ĊENTRALI** | **2.1** | L-ADRIJATIKU | **17** | It-Tramuntana tal-Adrijatiku |
| | | | **18** | In-Nofsinhar tal-Baħar Adrijatiku (parti) |
| | **2.2** | IL-JONJU | **13** | Il-Golf ta' Hamamet |
| | | | **14** | Il-Golf ta' Gabes |
| | | | **15** | Il-Gżira ta' Malta |
| | | | **16** | In-Nofsinhar ta' Sqallija |
| | | | **18** | In-Nofsinhar tal-Baħar Adrijatiku (parti) |
| | | | **19** | Il-Punent tal-Baħar Joniku |
| | | | **20** | Il-Lvant tal-Baħar Joniku |
| | | | **21** | In-Nofsinhar tal-Baħar Joniku |
| **TAL-LVANT** | **3.1** | L-EĠEW | **22** | Il-Baħar Eġew |
| | | | **23** | Il-Gżira ta' Kreta |
| | **3.2** | IL-LEVANT | **24** | It-Tramuntana tal-Levant |
| | | | **25** | Il-Gżira ta' Ċipru |
| | | | **26** | In-Nofsinhar tal-Levant |
| | | | **27** | Il-Levant |
| **IL-BAĦAR L-ISWED** | **4.1** | IL-MARMARA | **28** | Il-Baħar ta' Marmara |
| | **4.2** | IL-BAĦAR L-ISWED | **29** | Il-Baħar l-Iswed |
| | **4.3** | IL-BAĦAR AZOV | **30** | Il-Baħar Azov |

**B) Mappa ta' Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM (GSAs) (GFCM, 2009)**




*— Taqsimiet Statistiċi tal-FAO (ħomor) – Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM (suwed)*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01 – It-Tramuntana tal-Baħar Alboran | 07 – Il-Golf tal-Iljuni | 13 – Il-Golf ta' Hamamet | 19 – Il-Punent tal-Baħar Joniku | 25 – Il-Gżira ta' Ċipru |
| 02 – Il-Gżira Alboran | 08 – Il-Gżira ta' Korsika | 14 – Il-Golf ta' Gabes | 20 – Il-Lvant tal-Baħar Joniku | 26 – In-Nofsinhar tal-Levant |
| 03 – In-Nofsinhar tal-Baħar Alboran | 09 – Il-Baħar Ligurjan u t-Tramuntana tal-Baħar Tirrenjan | 15 – Il-Gżira ta' Malta | 21 – In-Nofsinhar tal-Baħar Joniku | 27 – Il-Levant |
| 04 – L-Alġerija | 10 – In-Nofsinhar tal-Baħar Tirrenjan u l-Baħar Tirrenjan Ċentrali | 16 – In-Nofsinhar ta' Sqallija | 22 – Il-Baħar Eġew | 28 – Il-Baħar ta' Marmara |
| 05 – Il-Gżejjer Balearici | 11.1 – Sardinja (il-Punent) 11.2 – Sardinja | 17 – It-Tramuntana tal- | 23 – IL-Gżira ta' Kreta | 29 – Il-Baħar l- |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | (il-Lvant) | Adrijatiku | | Iswed |
| 06 – It-Tramuntana ta' Spanja | 12 – It-Tramuntana tat-Tuneżija | 18 – In-Nofsinhar tal-Baħar Adrijatiku | 24 – It-Tramuntana tal-Levant | 30 –Il-Baħar Azov |

## C) Koordinati ġeografiċi għas-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM (GSAs) (GFCM, 2009)

| GSAs | LIMITI | GSAs | LIMITI | GSAs | LIMITI | GSAs | LIMITI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Il-linja tal-Kosta<br>36º N 5º 36’ W<br>36º N 3º 20’ W<br>36º 05’ N 3º 20’ W<br>36º 05’ N 2º 40’ W<br>36º N 2º 40’ W<br>36º N 1º 30’ W<br>36º 30’ N 1º 30’ W<br>36º 30’ N 1º W<br>37º 36’ N 1º W | 4 | Il-linja tal-Kosta<br>36º N 2º 13’ W<br>36º N 1º 30’ W<br>36º 30’ N 1º 30’ W<br>36º 30’ N 1º W<br>37º N 1º W<br>37º N 0º 30’ E<br>38º N 0º 30’ E<br>38º N 8º 35’ E<br>Il-fruntiera Alġerija-Tuneżija<br>Il-fruntiera Marokk-Alġerija | 7 | Il-linja tal-Kosta<br>42º 26’ N 3º 09’ E<br>41º 20’ N 8º E<br>Il-fruntiera Franza-l-Italja | 10 | Il-linja tal-Kosta (inkluża it-Tramuntana ta' Sqallija)<br>41º 18’ N 13º E<br>41º 18’ N 11º E<br>38º N 11º E<br>38º N 12º 30’ E |
| 2 | 36º 05’ N 3º 20’ W<br>36º 05’ N 2º 40’ W<br>35º 45’ N 3º 20’ W<br>35º 45’ N 2º 40’ W | 5 | 38º N 0º 30’ E<br>39º 30’ N 0º 30’ E<br>39º 30’ N 1º 30’ W<br>40º N 1º 30’ E<br>40º N 2º E<br>40º 30’ N 2º E<br>40º 30’ N 6º E<br>38º N 6º E | 8 | 43º 15’ N 7º 38’ E<br>43º 15’ N 9º 45’ E<br>41º 18’ N 9º 45’ E<br>41º 20’ N 8º E<br>41° 18' N 8° E | 11 | 41º 47’ N 6º E<br>41° 18' N 6° E<br>41º 18’ N 11º E<br>38º 30' N 11º E<br>38º 30' N 8º 30’ E<br>38º N 8º 30’ E<br>38º N 6º E |
| 3 | Il-linja tal-Kosta<br>36º N 5º 36’ W<br>35º 49’ N 5º 36’ W<br>36º N 3º 20’ W<br>35º 45’ N 3º 20’ W<br>35º 45’ N 2º 40’ W<br>36º N 2º 40’ W<br>36º N 1º 13’ W<br>Il-fruntiera Marokk-Alġerija | 6 | Il-linja tal-Kosta<br>37º 36’ N 1º W<br>37º N 1º W<br>37º N 0º 30’ E<br>39º 30’ N 0º 30’ E<br>39º 30’ N 1º 30’ W<br>40º N 1º 30’ E<br>40º N 2º E<br>40º 30’ N 2º E<br>40º 30’ N 6º E<br>41º 47’ N 6º E<br>42º 26’ N 3º 09’ E | 9 | Il-linja tal-Kosta<br>Il-fruntiera Franza-l-Italja<br>43º 15’ N 7º 38’ E<br>43º 15’ N 9º 45’ E<br>41º 18’ N 9º 45’ E<br>41º 18’ N 13º E | 12 | Il-linja tal-Kosta<br>Il-fruntiera Alġerija-Tuneżija<br>38º N 8º 30’ E<br>38º 30' N 8º 30’ E<br>38º 30' N 11º E<br>38º N 11º E<br>37º N 12º E<br>37º N 11º 04’E |

| GSAs | LIMITI | GSAs | LIMITI | GSAs | LIMITI |
|---|---|---|---|---|---|
| **13** | Il-linja tal-Kosta<br>37º N 11º 04'E<br>37º N 12º E<br>35º N 13º 30' E<br>35º N 11º E | **19** | Il-linja tal-Kosta (inkluż il-Lvant ta' Sqallija)<br>40º 04' N 18º 29' E<br>37º N 15º 18' E<br>35º N 15º 18' E<br>35º N 19º 10' E<br>39º 58' N 19º 10' E | **25** | 35º 47' N 32º E<br>34º N 32º E<br>34º N 35º E<br>35º 47' N 35º E |
| **14** | Il-linja tal-Kosta<br>35º N 11º E<br>35º N 15º 18' E<br>Il-fruntiera Tuneżija-Libja | **20** | Il-linja tal-Kosta<br>Il-fruntiera Alġerija-Greċja<br>39º 58' N 19º 10' E<br>35º N 19º 10' E<br>35º N 23º E<br>36º 30' N 23º E | **26** | Il-linja tal-Kosta<br>Il-fruntiera Libja-Eġittu<br>34º N 25º 09' E<br>34º N 34º 13' E<br>Il-fruntiera Eġittu-Stretta ta' Gaża |
| **15** | 36º 30' N 13º 30' E<br>35º N 13º 30' E<br>35º N 15º 18' E<br>36º 30' N 15º 18' E | **21** | Il-linja tal-Kosta<br>Il-fruntiera Tuneżija-Libja<br>35º N 15º 18' E<br>35º N 23º E<br>34º N 23º E<br>34º N 25º 09' E<br>Il-fruntiera Libja-Eġittu | **27** | Il-linja tal-Kosta<br>Il-fruntiera Eġittu-Stretta ta' Gaża<br>34º N 34º 13' E<br>34º N 35º E<br>35º 47' N 35º E<br>Il-fruntiera Turkija-Sirja |
| **16** | Il-linja tal-Kosta<br>38º N 12º 30' E<br>38º N 11º E<br>37º N 12º E<br>35º N 13º 30' E<br>36º 30' N 13º 30' E<br>36º 30' N 15º 18' E<br>37º N 15º 18' E | **22** | Il-linja tal-Kosta<br>36º 30' N 23º E<br>36º N 23º E<br>36º N 26º 30' E<br>34º N 26º 30' E<br>34º N 29º E<br>36º 43' N 29º E | **28** | |
| **17** | Il-linja tal-Kosta<br>41º 55' N 15º 08' E<br>Il-fruntiera Kroazja-Montenegro | **23** | 36º N 23º E<br>36º N 26º 30' E<br>34º N 26º 30' E<br>34º N 23º E | **29** | |
| **18** | Il-linji tal-kosta (iż-żewġ naħat)<br>41º 55' N 15º 08' E<br>40º 04' N 18º 29' E<br>Il-fruntiera Kroazja-Montenegro<br>Il-fruntiera Alġerija-Greċja | **24** | Il-linja tal-Kosta<br>36º 43' N 29º E<br>34º N 29º E<br>34º N 32º E<br>35º 47' N 32º E<br>35º 47' N 35º E<br>Il-fruntiera Turkija-Sirja | **30** | |

"

## ANNESS II

**Proċeduri ta' spezzjoni fl-istat tal-port għall-bastimenti**

(1) Identifikazzjoni tal-bastiment

L-ispettur(i) tal-port għandu/għandhom:

a) jivverifika(w) li d-dokumentazzjoni uffiċjali abbord tkun valida, jekk meħtieġ, permezz ta' kuntatti xierqa mal-Istat li tiegħu qed itajjar il-bandiera jew mar-reġistrazzjonijiet internazzjonali tal-bastimenti;

b) fejn hu meħtieġ, jirranġa(w) għal traduzzjoni uffiċjali tad-dokumentazzjoni;

c) jiżgura(w) ruħu/rwieħhom li l-isem, il-bandiera, kull numbru ta' identifikazzjoni estern u l-immarkar tal-bastiment (u fejn huwa disponibbli n-numru ta' identifikazzjoni tal-bastiment IMO) u kodiċi internazzjonali tar-radju huma korretti;

d) safejn huwa possibbli, jeżamina(w) jekk il-bastiment biddilx l-isem u/jew il-bandiera u, jekk iva, jagħmel/jagħmlu nota tal-isem/ismijiet u l-bandiera/bnadar preċedenti;

e) jagħmel/jagħmlu nota tal-port ta' reġistrazzjoni, l-isem u l-indirizz tas-sid (u l-operatur u s-sid benefiċjarju jekk huwa different mis-sid), l-aġent, u l-kaptan tal-bastiment, inkluż l-ID uniku tal-kumpanija u tas-sid reġistrat jekk huma disponibbli. kif ukoll;

f) jagħmel/jagħmlu nota tal-isem/ismijiet u l-indirizz(i) tas-sid(ien) preċedenti, jekk ikun hemm, matul l-aħħar ħames snin.

(2) L-awtorizzazzjoni(jiet)

L-ispettur(i) tal-port għandu/għandhom jivverfika(w) li l-awtorizzazzjoni(jiet) biex jistad jew iġorr il-ħut u l-prodotti tal-ħut huwa/huma kompatibbli mal-informazzjoni miksuba skont il-paragrafu 1 u jeżamina(w) it-tul tal-awtorizzazzjoni(jiet) u l-applikazzjoni tagħha/tagħhom għaż-żoni, l-ispeċijiet u l-irkaptu tas-sajd.

(3) Dokumenti oħra

L-ispettur(i) tal-port għandu/għandhom jeżamina(w) id-dokumentazzjoni rilevanti kollha, inklużi d-dokumenti f'format elettroniku. Id-dokumentazzjoni rilevanti tista' tinkludi ġurnali ta' abbord, b'mod partikolari l-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, kif ukoll lista tal-ekwipaġġ, pjanijiet ta' stivar u diżinji jew deskrizzjonijiet tal-istivi tal-ħut jekk ikunu disponibbli. Stivi jew postijiet bħal dawn jistgħu jiġu spezzjonati sabiex issir il-verifika ta' jekk id-daqs u l-kompożizzjoni tagħhom jikkorrispondux ma' dawn id-diżinji u jekk l-istivar huwiex skont il-pjanijiet ta' stivar. Fejn ikun xieraq, din id-dokumentazzjoni għandha tinkludi d-dokumenti tal-qbid jew id-dokumenti tal-kummerċ maħruġa minn kwalunkwe organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

(4) Irkaptu tas-sajd

a) L-ispettur(i) tal-port għandu/għandhom jivverifika(w) li l-irkaptu tas-sajd abbord huwa f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni(jiet). L-irkaptu jista' wkoll jiġi ċċekjat sabiex ikun żgurat li l-karatteristiċi bħal, *inter alia*, id-daqs(ijiet) tal-malja (u strumenti possibbli), it-tul tax-xbieki, id-daqsijiet tas-snanar ikunu konformi mar-regolamenti applikabbli u li l-marki ta'

identifikazzjoni tal-irkaptu jikkorrispondu ma' dawk awtorizzati għall-bastiment.

b) L-ispettur(i) tal-port jista'/jistgħu wkoll ifittex/ifittxu fil-bastiment għal kwalunkwe rkaptu tas-sajd stivat li ma jidhirx u għal irkaptu tas-sajd li b'xi mod ieħor ikun illegali.

(5) Ħut u prodotti tas-sajd

(a) L-ispettur(i) tal-port għandu/għandhom, sa fejn huwa l-aktar possibbli, jeżamina(w) jekk il-ħut u l-prodotti tal-ħut abbord kinux maħsuda skont il-kundizzjonijiet stipulati mill-awtorizzazzjoni(jiet) applikabbli. Meta jagħmel/jagħmlu dan, l-ispettur(i) tal-port għandu/għandhom jeżamina(w) il-ġurnal ta' abbord tas-sajd, ir-rapporti preżentati, inklużi dawk trażmessi minn sistema ta' monitoraġġ tal-bastiment (VMS), kif xieraq.

(b) Sabiex ikunu determinati l-kwantitajiet u l-ispeċijiet abbord, l-ispettur(i) tal-port jista'/jistgħu jeżamina(w) il-ħut fl-istiva jew matul il-ħatt. Meta jagħmel/jagħmlu dan, l-ispettur(i) tal-port jista'/jistgħu jiftaħ/jiftħu l-kaxxi tal-kartun fejn il-ħut ikun ippakkjat minn qabel u jċaqlaq/jċaqilqu l-ħut jew il-kaxxi tal-kartun biex jiżgura(w) l-integrità tal-istivi tal-ħut.

(c) Jekk il-bastiment ikun qed iħott, l-ispettur(i) tal-port jista'/jistgħu jivverifika(w) l-ispeċijiet u l-kwantitajiet li jkunu nħattu. Verifika bħal din tista' tinkludi t-tip ta' prodott, il-piż ħaj (il-kwantitajiet determinati mill-ġurnal ta' abbord) u l-fattur ta' konverżjoni użat għal kalkolu ta' piż ipproċessat għal piż ħaj. L-ispettur(i) tal-port jista'/jistgħu wkoll jeżamina(w) kull kwantità possibbli li tinżamm abbord.

(d) L-ispettur(i) tal-port jista'/jistgħu jeżamina(w) il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-qabdiet kollha abbord, inkluż permezz ta' kampjuni.

(6) Verifika ta' sajd IUU

Japplika l-Artikolu 11 tar-Regolament 1005/2008.

(7) Rapport

L-ispettur għandu jipprepara u jiffirma rapport bil-miktub wara li jlesti l-ispezzjoni u jagħti kopja lill-kaptan tal-bastiment.

(8) Riżultati tal-Ispezzjonijiet tal-Istat tal-Port

Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet tal-Istat tal-port għandhom jinkludu mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

- 1. Referenzi tal-ispezzjoni
  - L-awtorità tal-ispezzjonar (isem l-awtorità tal-ispezzjonar jew il-korp alternat nominat mill-awtorità);
  - L-isem tal-ispettur;
  - Id-data u l-post tal-ispezzjoni;
  - Il-port tal-ispezzjoni (il-post fejn il-bastiment huwa spezzjonat); kif ukoll
  - Id-data (id-data meta jitlesta r-rapport).

- 2. Identifikazzjoni tal-bastiment
  - L-isem tal-bastiment;

- It-tip ta' bastiment;
- It-tip ta’ rkaptu;
- In-numru ta' identifikazzjoni estern (numru ta' mal-ġenb tal-bastiment) u n-numru IMO (jekk ikun disponibbli) jew numru ieħor kif xieraq;
- Il-kodiċi Internazzjonali tar-Radju;
- In-numru-I MMS (numru ta' identità tas-Servizzi Mobbli Marittimi), jekk hu disponibbli;
- L-Istat tal-bandiera (Stat fejn il-bastiment huwa rreġistrat);
- L-isem/ismijiet u l-bandiera/bnadar preċedenti, jekk hemm;
- Il-port tal-bażi (il-port fejn il-bastiment huwa rreġistrat) u l-portijiet fejn kien isorġi qabel;
- Is-sid tal-bastiment (l-isem, l-indirizz, il-kuntatt tas-sid tal-bastiment);
- Is-sid benefiċjarju tal-bastiment jekk huwa differenti mis-sid tal-bastiment (l-isem, l-indirizz,
- il-Kuntatt);
- L-operatur tal-bastiment responsabbli għall-użu tal-bastiment jekk huwa differenti minn sid il-bastiment (l-isem, l-indirizz, il-kuntatt);
- L-aġent tal-bastiment (l-isem, l-indirizz, il-kuntatt);
- L-isem/ismijiet u l-indirizz(i) tas-sid(ien) preċedenti, jekk hemm;
- L-isem, in-nazzjonalità u l-kwalifikazzjonijiet marittimi tal-kaptan u tal-kaptan tas-sajd;
- Il-lista tal-ekwipaġġ.

- 3. Awtorizzazzjonijiet tas-sajd (liċenzji/permessi)
  - L-awtorizzazzjoni(jiet) tal-bastimenti biex jistadu jew iġorru l-ħut jew prodotti tal-ħut;
  - L-Istat(i) li ħareġ/ħarġu l-awtorizzazzjoni(jiet);
  - It-termini tal-awtorizzazzjoni(jiet), inklużi ż-żoni u t-tul;
  - L-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd rilevanti;
  - Iż-żoni, l-ambitu u t-tul tal-awtorizzazzjoni(jiet);
  - Id-dettalji tal-allokazzjoni awtorizzata - kwota, sforz jew ieħor;
  - L-ispeċijiet, il-qbid inċidentali u l-irkaptu tas-sajd awtorizzati; kif ukoll
  - Ir-reġistrazzjonijiet u d-dokumenti tat-trażbord (fejn applikabbli).

- 4. Informazzjoni dwar il-vjaġġ tas-sajd
  - Id-data, il-ħin, iż-żona u l-post fejn beda l-vjaġġ tas-sajd kurrenti;
  - Iż-żoni fejn mar il-bastiment (id-dħul u l-ħruġ minn żoni differenti);
  - L-attivitajiet ta' trażbord fuq il-baħar (id-data, l-ispeċijiet, il-post, il-kwantità ta' ħut trażbordat);
  - L-aħħar port fejn kien il-bastiment; kif ukoll
  - Id-data u l-ħin fejn intemm il-vjaġġ tas-sajd kurrenti;
  - Il-port li jmiss li l-bastiment beħsiebu jżur, kif xieraq.

- 5. Riżultat tal-ispezzjoni tal-qabda
  - Il-bidu u t-tmiem tal-ħatt (il-ħinijiet u d-data);
  - L-ispeċijiet tal-ħut;
  - It-tip ta’ prodott;
  - Il-piż ħaj (il-kwantitajiet determinati mill-ġurnal ta' abbord);

– Il-fattur ta' konverżjoni rilevanti;
– Il-piż proċessat (il-kwantitajiet li nħattu skont l-ispeċi u l-preżentazzjoni);
– Il-piż ħaj ekwivalenti (il-kwantitajiet li nħattu f'piż ħaj ekwivalenti, bħala "Piż tal-prodott multiplikat mill-fattur ta' konverżjoni"); kif ukoll
– Id-destinazzjoni ppjanata għall-ħut u l-prodotti tal-ħut spezzjonati;
– Il-kwantità u l-ispeċijiet tal-ħut miżmuma abbord, jekk hemm.

- 6. Riżultati tal-ispezzjoni tal-irkaptu

  – Id-dettalji tat-tipi ta' rkaptu.

- 7. Konklużjonijiet

  – Il-konklużjonijiet tal-ispezzjoni inklużi l-identifikazzjoni ta' vjolazzjonijiet maħsuba li seħħu u referenza għar-regoli u l-miżuri rilevanti. Evidenza bħal din għandha tkun mehmuża mar-rapport tal-ispezzjoni.

# ANNESS III

## A) Segmentazzjoni tal-Flotta tal-GFCM/SAC

<table>
<tr><th>Gruppi</th><th><6 metri</th><th>6-12 metru</th><th>12-24 metru</th><th>Aktar minn 24 metru</th></tr>
<tr><td>1. Bastimenti polivalenti ta' skala żgħira mingħajr magna</td><td colspan="2">A</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>2. Bastimenti polivalenti ta' skala żgħira bil-magna</td><td>B</td><td>C</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3. Bastiment tat-tkarkir</td><td></td><td>D</td><td>E</td><td>F</td></tr>
<tr><td>4. Bastimenti tas-sajd bil-purse seines</td><td></td><td>G</td><td colspan="2">H</td></tr>
<tr><td>5. Bastimenti li jistadu bil-konzijiet</td><td></td><td colspan="3">I</td></tr>
<tr><td>6. Bastimenti tat-tkarkir pelaġiku</td><td></td><td colspan="3">J</td></tr>
<tr><td>7. Bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun</td><td></td><td></td><td colspan="2">K</td></tr>
<tr><td>8. Bastimenti bil-gangmu</td><td></td><td colspan="2">L</td><td></td></tr>
<tr><td>9. Bastimenti polivalenti</td><td></td><td></td><td colspan="2">M</td></tr>
</table>

Deskrizzjoni tas-setturi

A Bastimenti polivalenti ta' skala żgħira mingħajr magna – Il-bastimenti kollha ta' anqas minn 12-il metru tul (LOA), mingħajr magna (bir-riħ jew bil-propulsjoni).

B Bastimenti polivalenti ta' skala żgħira bil-magna ta' anqas minn 6 metri – Il-bastimenti kollha ta' anqas minn 6 metri tul (LOA), bil-magna.

C Bastimenti polivalenti ta' skala żgħira bejn is-6 u t-12-il metru – Il-bastimenti kollha bejn is-6 u t-12-il metru tul (LOA), bil-magna, li jużaw irkapti differenti matul is-sena mingħajr predominanza ċara ta' wieħed minnhom jew li jużaw irkaptu li mhux ikkunsidrat f'din il-klassifikazzjoni.

D Bastimenti tat-tkarkir ta' anqas minn 12-il metru – Il-bastimenti kollha ta' anqas minn 12-il metru tul (LOA), li jallokkaw aktar minn 50 fil-mija tal-isforz tagħhom għat-tkarkir demersali.

E Bastimenti tat-tkarkir bejn it-12 u l-24 metru – Il-bastimenti kollha bejn it-12 u l-24 metru tul (LOA), li jallokaw aktar minn 50 fil-mija tal-isforz tagħhom għat-tkarkir demersali.

F Bastimenti tat-tkarkir itwal minn 24 metru – Il-bastimenti kollha ta' aktar minn 24 metru tul (LOA), li jallokaw aktar minn 50 fil-mija tal-isforz tagħhom għat-tkarkir demersali.

G Bastimenti tas-sajd bil-purse seines bejn is-6 u t-12-il metru – Il-bastimenti kollha bejn is-6 u t-12-il metru tul (LOA), li jallokaw aktar minn 50 fil-mija tal-isforz tagħhom għall-operazzjoni bil-purse seine.

H Bastimenti tas-sajd bil-purse seines itwal minn 12-il metru – Il-bastimenti kollha ta' aktar minn 12-il metru tul (LOA), li jallokaw aktar minn 50 fil-mija tal-isforz tagħhom għas-sajd bil-purse seine, minbarra dawk li jistadu għat-tonn bit-tartarun matul kwalunkwe żmien tas-sena.

I Bastimenti itwal minn 6 metri li jistadu bil-konzijiet – Il-bastimenti kollha ta' aktar minn 6 metri tul (LOA), li jallokaw aktar minn 50 fil-mija tal-isforz tagħhom għas-sajd bil-konz.

J Bastimenti tat-tkarkir pelaġiku itwal minn 6 metri – Il-bastimenti kollha ta' aktar minn 6 metri tul (LOA), li jallokaw aktar minn 50 fil-mija tal-isforz tagħhom għat-tkarkir pelaġiku.

K Bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun – Il-bastimenti kollha li jistadu għat-tonn bit-tartarun għal kwalunkwe tul ta' żmien matul is-sena.

L Bastimenti bil-gangmu itwal minn 6 metri – Il-bastimenti kollha ta' aktar minn 6 metri tul (LOA), li jallokaw aktar minn 50 fil-mija tal-isforz tagħhom għat-tħaddim tal-karrakka tal-ħama.

M Bastimenti polivalenti itwal minn 12-il metru – Il-bastimenti kollha aktar minn 12-il metru tul (LOA), li jużaw irkapti differenti matul is-sena mingħajr predominanza ċara ta' wieħed minnhom jew li jużaw irkaptu li mhux ikkunsidrat f'din il-klassifikazzjoni.

Nota: Iċ-ċelloli kollha huma miftuħa għall-ġbir tal-informazzjoni. Iċ-ċelloli li jitħallew vojta fit-tabella t'hawn fuq jitqiesu li x'aktarx ma għandhomx popolazzjoni sinifikanti. Madankollu, jekk ikun meħtieġ, huwa rrakkomandat li l-informazzjoni ta' "ċellola vojta" tingħaqad mal-aktar "ċellola blu" xierqa li tkun biswitha.

## B) Tabella dwar il-kejl tal-isforz tas-sajd[15]

| Irkaptu | Għadd u qies | Kapaċità | Attività | Sforz Nominali[16] |
|---|---|---|---|---|
| Sajd bil-gangmu (għall-molluski) | Ħalq miftuħ, wisa' tal-ħalq | TG | Ħin tas-sajd | Superfiċje tal-qiegħ fejn sar sajd bil-gangmu[17] |
| Tkarkir (inkluż is-sajd bil-gangmu għall-ħut ċatt) | Tip ta' tkarkir (pelaġiku, tal-qiegħ)<br><br>TG u/jew GRT<br><br>Qawwa tal-magna<br><br>Daqs tal-malja<br><br>Daqs tax-xibka (wisa' tal-ħalq)<br><br>Veloċità | TG | Ħin<br><br>tas-sajd | TG*jiem<br><br>TG*sigħat<br><br>KW*jiem |
| Purse Seine | Tul u kemm taqa' 'l isfel ix-xibka<br><br>TG<br><br>Qawwa tad-dawl<br><br>Għadd ta' dgħajjes żgħar | TG<br><br>Tul u kemm taqa' 'l isfel ix-xibka | Ħin tat-tfittix<br><br>Sett | TG * Settijiet tas-sajd[16]<br><br>Tul tax-xibka *<br><br>settijiet tas-sajd |
| Xbieki | Tip tax-xibka (pereżempju parit,<br><br>għeżula, eċċ.)<br><br>Tul tax-xibka (użat fir-regolamenti)<br><br>TG<br><br>Superfiċje tax-xibka<br><br>Daqs tal-malja | Tul u kemm taqa' 'l isfel ix-xibka | Ħin tas-sajd | Tul tax-xibka * jiem<br><br>Superfiċje * jiem |

15 Jirreferi għall-isforz nominali.

16 Għandu jkun riferit għal żona partikolari (li tindika is-superfiċje) sabiex tkun stmata l-intensità tas-sajd (sforz • $km^2$) u biex jirrelata l-isforz lill-komunitajiet sfruttati.

17 Il-kejl tal-isforz li ma jinkludix attività ta' żmien għandu jkun riferit bħala perjodu ta' żmien (jiġifieri bis-sena).

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Konzijiet | Għadd ta' snanar<br><br>TG<br><br>Għadd ta' unitajiet ta' konzijiet<br><br>Karatteristiċi tas-snanar<br><br>Lixka | Għadd ta'<br><br>snanar<br><br>Għadd ta'<br><br>unitajiet ta' konzijiet | Ħin tas-sajd | Għadd ta' snanar *<br><br>sigħat<br><br>Għadd ta' snanar * jiem<br><br>Għadd ta' unitajiet ta' konzijiet<br><br>* jiem/sigħat |
| Nases | TG | Għadd ta'<br><br>Nases | Ħin<br><br>tas-sajd | Għadd ta' nases * jiem |
| Purse<br><br>seine/FADs | Għadd ta’ FADs | | Għadd ta'<br><br>vjaġġi | Għadd ta’ FADs *<br><br>Għadd ta’ vjaġġi |

## C) Kompitu 1 tal-GFCM – Unitajiet Operazzjonali

**GFCM Task 1:**

**GSA or other (specify): ________**

| | Fleet Segment | | No. of vessels | 01 Surrounding Nets | 02 Seine Nets | 03 Trawls | 04 Dredges | 05 Lift Nets | 06 Falling Gear | 07 Gillnets and Entangling Nets | 08 Traps | 09 Hooks and Lines | 10 Grappling and Wounding | 11 Harvesting Machines | 20 Miscellaneous Gear | 25 Recreational Fishing Gear | 98 Other Gear | 99 Gear Not Known or Not Specified |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | Polyvalent Small-scale vessels without engine | ≤ 12 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| B | Polyvalent small-scale vessels with engine | < 6 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| C | Polyvalent small-scale vessels with engine | 6 - 12 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| D | Trawlers | ≤ 12 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| E | Trawlers | 12 - 24 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| F | Trawlers | > 24 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| G | Purse Seiners | 6 - 12 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| H | Purse Seiners | > 12 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| I | Long liners | > 12 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| J | Pelagic Trawlers | > 6 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| K | Tuna Seiners | > 12 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| L | Dredgers | > 6 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| M | Polyvalent vessels | > 12 | | | | | | | | | | | | | | | | |

Fishing Gear Classes: National / Regional

**Task 1.1 – Fleet and area variables**
Vessel number
Capacity

**Task 1.3 – Economic components variables**
Gross Tonnage
Horse Power
Employment
Salary Share %
Landing weight
Landing value
Vessel value of total fleet
Fishing days/year per vessel
Fishing hours/day per vessel
Cost of fishing/day per vessel
Yearly fixed costs per vessel

**Task 1.2 – Main resource and activity components variables per OU**
Operational Unit code
Activity
Fishing gear
Target species
Main associated species
Fishing period
Vessels No.
Areas

**Task 1.4 – Effort variables**
Catch / Landing
Effort measure
CPUE / LPUE
Discard
Bycatch

**Task 1.5 – Provisional biological parameters**
Length range of captured species
Length Average
Sex
Maturity
Biological reference points